MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1391/2001/1

**Carmel Mangion**

**vs**

**Julian Farrugia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm1500.00c (elf u hames mitt lira Maltin) danni rizultanti minn incident tat-traffiku li sehh fil-5 ta' Novembru 1999 f' St Joseph Drive, Msida, ghal liema incident kien jahti unikament tort u htija tal-konvenut Julian Farrugia.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi l-esponenti ma kienx involut fl-incident mertu tal-proceduri odjerni u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi l-konvenut qed jecepixxi li ma hux il-legittmu kontradittur billi l-vettura fil-mument tal-habta qed tigi misjuqa minn huh John Farrugia.

Jirrizulta li fix-xhieda taghhom sia tal-kontendenti u sia l-istess John Farrugia jikkonfermaw illi l-karozza kienet qed tigi misjuqa minn John Farrugia.  PC 723 Anthony Bonnici kkonferma dan ukoll minn noti tieghu.  Li gara huwa li meta rrediga r-rapport, il-computer tellalu isem is-sid u hekk nizzlu doppjament, sia bhala sid u sia bhala xufier.

Rinfaccjat b'din in rizultanza, t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici.  L-ispejjez in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**